# Brincat Anna at Parlament-MT

| | |
|---|---|
| **From:** | Mercieca Keith at NAO |
| **Sent:** | Tuesday, 10 March 2026 10:43 |
| **To:** | Brincat Anna at Parlament-MT |
| **Cc:** | Deguara Charles at NAO; Camilleri Noel at NAO |
| **Subject:** | RE: Re: Informazzjoni mitluba mill-PAC |
| **Attachments:** | RE: Fortina \| Queries re Valuation; Re: NAO mtg re: Fortina |

Għażiża Sinjura Brincat,

Nirreferi għall-email tiegħek li tirrigwarda t-talbiet li saru mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi waqt il-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 4 ta' Marzu 2026, sabiex l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika jipprovdi ċerti kjarifiki.

Fir-rigward tal-ewwel talba tal-Kumitat, ir-rapport ta' Grant Thornton ġie riferut mill-Uffiċċju lil Forward Architects fit-22 ta' Lulju 2024. Qed tiġi mehmuża kopja tal-email rilevanti għal referenza.

Fir-rigward tat-tieni punt, id-dikjarazzjoni miċ-Chief of Staff tal-OPM li "he had no memory of such a meeting" ma saritx fil-kuntest ta' laqgħa mal-Uffiċċju, iżda saret bħala tweġiba għal mistoqsija ta' segwitu mibgħuta mill-NAO. Qed tiġi mehmuża kopja tal-iskambju ta' emails bejn l-NAO u s-Sur Keith Schembri għal referenza. Fid-dawl ta' dan, il-punt dwar jekk kienx jiftakar li kien hemm diskussjoni minflok laqgħa ma ġiex esplorat ulterjorment.

Nittama li din l-informazzjoni tkun ta' għajnuna għall-Kumitat.

Insellimlek,
Keith Mercieca

Keith Mercieca
Assistant Auditor General
Special Audits and Investigations

National Audit Office
MALTA

t +356 22055007 e keith.mercieca@gov.mt
nao.gov.mt | linkedin.com/company/naomalta | fb.com/NAOMalta

National Audit Office,
Notre Dame Ravelin, Floriana,
Malta

---

**From:** Brincat Anna at Parlament-MT <anna.brincat@parlament.mt>
**Sent:** 06 March 2026 09:22
**To:** Deguara Charles at NAO <charles.deguara@gov.mt>
**Cc:** Mercieca Keith at NAO <keith.mercieca@gov.mt>
**Subject:** Re: Informazzjoni mitluba mill-PAC

Is-Sur Charles Deguara
Awditur Ġenerali

Ippermettili nfakkrek li waqt il-Laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, li saret nhar l-Erbgħa 4 ta' Marzu 2026, il-Kumitat talab li l-NAO:

- Jipprovdi  d-data ta’ meta ntbagħat ir-rapport ta’ Grant Thornton lil Forward Architects; u

- Jivverifika jekk wara li ċ-Chief of Staff qal li hu “had no memory of such a meeting”, kif hemm imniżżel f’paġna 14 tar-rapport taħt investigazzjoni, ġiex mistoqsi jekk jiftakarx li kien hemm diskussjoni minflok laqgħa.

Filwaqt li nirringrazzjak, nibgħat inselli għalik

Anna


Anna Brincat
Clerk to the Public Accounts Committee
Standing Committee for the Environment, Climate Change and Development Planning
National Audit Office Accounts Committee

**t:** +356 25596308 **e:** anna.brincat@parlament.mt | www.parlament.mt

HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLIAMENT OF MALTA
FREEDOM SQUARE, VALLETTA, MALTA


*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*